**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Gunju, 2017

Rikors numru : 112/17 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat CD nhar is-26 ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif jirrizulta mic-Certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok.' A';
2. Illi l-partijiet sseparaw legalment minn ma xulxin fit-8 ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) permezz ta' kuntratt bonarju ta' firda

personali in atti Nutar Dr. Kirstel Elena Chircop, vera kopja tal-kuntratt tal-firda personali qieghda tigi hawn unita u mmarkata bhala Dok. 'B';

3. Illi llum –il gurnata ddekorrew hames snin mid-data tal-istess firda personali tal-partijiet u effettivament ma tezisti ebda possibilita` ta' rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat;
4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suepost il-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghall-manteniment minghand xulxin; kwindi ma tezisti ebda lanjanza f'dan is-sens bejn l-istess partijiet;
5. Illi mill-imsemmi zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u kwindi lanqas f'dan ir-rigward ma tezisti ebda lanjanza bejn il-partijiet versu l-vertenza odjerna;
6. Illi in vista ta' dan premess jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghall-otteniment ta' divorzju bejn l-istess partijiet.

Talbet, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

A. Tiddikjara liz-zwieg taghhom hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; u

B. Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u biex jirregistrah skont il-ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li giet ikkonfermata minnu bil-gurament tieghu, li permezz taghha iddikjara :

1) Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jirrileva illi huwa minnu li huwa kien mizzewweg lir-rikorrenti u li sussegwentement, il-partijiet kienu sseparaw minn ma xulxin permezz ta' kuntratt bonarju ta' firda

personali fit-8 ta’ Marzu tas-sena 2012, fl-atti tan-Nutar Dottor Kristel – Elena Chircop;

2) Illi fit-tieni lok, minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;
3) Illi fit-tielet lok, l-esponenti jaqbel mal-kontenut tar-Rikors Promotur u minn naha tieghu jiddikjara li huwa favur li z-zwieg de quo jigi xolt permezz ta’ divorzju;
4) Illi l-esponenti jhoss illi m’ghandux jbaghti l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri;
5) Illi l-kontendenti partijiet ghalqu iktar minn hames snin mid-data tal-istess separazzjoni tal-partijiet, u jigi umilment rilevat li jezistu l-elementi kollha a tenur tal-Artiklu 66B tal-Kodici Civili, Kapitlu16 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex iz-zwieg tal-kontendenti partijiet jigi xolt permezz ta’ divorzju;

Ghaldaqstant, u in vista ta’ dak espost fil-premess, l-esponenti jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u jiddikjara li m’ghandux eccezzjoni xi jressaq f’dan ir-rigward, salv li jixtieq li ma jinkorrix spejjez relatati mal-proceduri odjerni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Marzu 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta’ Marzu 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.